MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-28 ta' Frar, 2008

Avviz Numru. 357/2005

**R.J.C. Caterers Limited (C10552)**

**vs**

**(i)Anthony D Gatt u (ii) Michaela Muscat**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta’ attrici fl-10 ta’ Gunju 2005 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma li ghandha tigi stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti ai termini ta’ l-Artikolu 29 ta’ l-Att Dwar l-Istampa (Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta’ Malta), bhala konsegwenza ta’ artikolu ppubblikat minnhom fil-gurnal “Insiter” tax-xahar ta’ Mejju 2005 u ntitolat *“Never mind the toilet seats, here’s the canteen-table bacteria!”,* kopja annessa, u dana peress li kienu jafu jew b’diligenza xierqa setghu jkunu jafu li diversi siltiet mill-kontenut tal-artikolu huma foloz u li x’aktarx jaghmlu hsara lin-negozju tas-socjeta’ attrici.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

Illi l-artikolu u l-kummenti ppubblikati ma jikkostitwixxux ingurja u malafama fil-konfront ta’ l-attrici fit-termini ta’ l-artikolu 29 ta’ l-Att dwar l-Istampa.

Illi subordinatament, l-artikolu in kwistjoni jikkonsisti f’rapportagg gurnalistiku ta’ fatti u opinjonijiet, kif ukoll fl-espressjoni ta’ l-opinjoni u apprezzament tal-eccipjenti, fuq materja ta’ interess pubbliku, protetti bil-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem u ammissibbli taht il-Ligi ta’ l-Istampa.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza hija maghmula mis-socjeta’ attrici peress illi deherilha illi giet malafamata u ngurjata bl-artikolu li hareg fil-gazzetta ‘Insiter’ ta’ Mejju 2005 liema gazzetta giet imqassma mill-istudenti ta’ l-universita’ u kellha fost artikoli ohra studju u kummenti dwar il-canteen ta’ l-istess universita’ mmexxi mis-socjeta’ attrici.

Ikkunsidrat:

John Buttigieg a fol 15 xehed illi huwa l-*managing director* tas-socjeta’ attrici li qieghda fil-kummerc tal-*catering* u ghandha diversi stabbilimenti ma’ Malta, fosthom il-*canteen* ta’ l-universita’. Meta ra l-artikolu fil-gazzetta fuq imsemmija deherlu illi kienet ingurjuza peress illi ma kienx minnu illi l-imwejjed tal-*canteen* ma kienux nodfa. Ghalih kien zmien kritiku peress illi kien ghalaq it-*tender* ta’ l-istess *canteen* u kien ser jigi aggudikat tender iehor.

Ghalhekk deherlu li l-pubblikazzjoni dak iz-zmien setghet tkun pregudizzjali ghall-interessi tas-socjeta' tieghu. Fix-xhieda tieghu spjega li l-*University Catering Services* ghandha *inspector* kontinwament *on site* bil-persuna ta' Victor McKay b'esperjenza kbira fil-qasam tal-catering. Dana jissorvelja t-tindif u l-igene fil-*canteens*. Barra minn hekk is-socjeta' attrici timpjega persuna li xogholha huwa biss illi jnaddaf l-imwejjed u l-art ta' l-istess canteen. Illi tinhasel kulljum ghal habta tat-tlieta u nofs, l-erbgha meta jnaqqas ix-xoghol.

Wara li gie ppubblikat l-artikolu fuq imsemmi s-socjeta' attrici kkummissjonat zewg rapporti ndipendenti, wahda ta' *"Quality Analysis Laboratory"* (fol 18) datat 19 ta' Mejju 2005 u iehor minghand il-mikrobologista Joseph Tanti (fol 21) bid-data 24 ta' Mejju 2005. Dawn iz-zewg rapporti qalu illi l-imwejjed fil-canteen huma nodfa u ma kienx hemm tracci ta' bacteria.

Minn nahha l-ohra l-konvenut Anthony Gatt a fol 44 qal li dak iz-zmien tal-pubblikazzjoni ta' l-artikolu kien student l-universita' ta' Malta u gie moghti struzzjonijiet mill-editur Michaela Muscat sabiex jaghmel artikolu dwar il-canteen, proprju l-ghaliex kien wasal iz-zmien li jinghalaq il-kuntratt u ghalhekk ried jiehu l-feedback mill-istudenti dwar l-operat ta' l-istess *canteen*. Ghalhekk intervista diversi nies u gie moghti rapport li kien sar mill-istudenti tal-biologija sena qabel dwar l-igene fil-*canteen* u rrapporta r-rizultati.

Il-konvenuta Michaela Muscat xehdet illi wkoll kienet studenta l-universita' u kienet editrici tal-gazzetta. Kienet taf lil Flavia Zammit li kienet ukoll studenta fid-dipartiment tal-biologija u ghaddiet ir-rapport li kienet ghamlet lil Anthony Gatt sabiex jikkunsidrah fl-artikolu tieghu.

Flavia Zammit (fol 50) xehdet li llum iggradwata Bsc fil-Biology u l-Chemistry u waqt li kienet l-Universita' kien sar ezercizzju bhala parti mill-*"work module"* taghhom ghall-ezami komparattiv ghall-*bacteria* fuq it-*"toilet seats"* u diversi postijiet ohra, fosthom il-bankijiet tal-*canteen*. Ir-rapport li huwa esebit a fol 54 ghamlitu hi u ghaddietu lil

Michaela Muscat meta kienet taf li din ta' l-ahhar kienet qed tipprepara artikolu dwar il-*canteen.* Zammit spjegat il-metodologija wzata fil-gbir ta' l-"*swabs"* u li fi kwalunkwe kaz ir-rizultati nghataw lill-*lecturers* taghha u ma ghaddietx kopja lis-socjeta' attrici.

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel kumment li l-abbli difensur tas-socjeta' attrici ghamel kien illi gibed l-attenzjoni tal-Qorti ghal diskrepanza li dehret fir-rapport ta' Flavia Zammit fejn a fol 54 tghid illi *"the swabs that was taken from the surface of a bench inside the lab gave rise to 8 colonies of which 6 were fused...."* B'dan argumenta li minn imkien ma rrizulta li l-swabs ittiehdu mill-*canteen* ta' l-universita'. Fix-xhieda taghha pero' Zammit qalet illi l-*"swabs"* ittiehdu minn diversi postijiet u fosthom mill-*canteen*. Fil-fatt fil-pagna ta' wara 'analysis of results' tghid "*for example one can compare the number of colonies that resulted from the canteen's swab to the number of colonies obtained from the swab taken from the surface of a toilet seat."* Dan gie ripurtat kelma b'kelma mill-konvenuti fl-artikolu fuq imsemmi. Fil-fatt l-artikolu jaghmilha cara illi r-rapport sar minn studenti, u cioe' minn nies mhux professjonisti u l-konkluzzjonijiet tar-rapport gew fedelment riprodotti.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti ghalhekk tirrileva illi minn dan kollu rrizulta bhala fatt illi veru sar studju mill-istudenti tal-Biologija ghal fini tal-istudju taghhom dwar il-kontaminazzjoni tal-*bacteria* fil-*canteen* u sar paragun mal-*bacteria* li ngabbru minn fuq it-*toilet seats*. Dan l-ezercizzju gie f'idejn il-konvenuti waqt li kienu qeghdin jippreparaw il-harga tal-gurnal "Insiter" f'Mejju 2005 fejn il-konkluzzjonijiet tar-rapport ta' l-istudenti gie riprodott. Saru wkoll kummenti u opinjonijiet dwar is-servizz moghti fil-*canteen* kif ukoll gew riprodotti xi kummenti li ghamlu l-istudenti dwar l-istess. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ma tara xejn hazin fl-artikolu miktub

mill-konvenuti. Fil-mument storiku li ttiehdu l-*"swabs"* mill-istudenti tal-biologija rrizulta dak li rrizulta. Il-fatt illi zmien wara s-socjeta' attrici qabbdet nies indipendenti sabiex jaghmlu l-ezamijiet taghhom, m'ghandux jinfluwenza l-konkluzzjonijiet illli waslu ghalihom l-istudenti tal-Biologija. Huma kellhom il-metodologija taghhom u l-esperti mqabbdin mis-socjeta' attrici kellhom taghhom. Naturalment wara l-pubblikazzjoni ta' l-artikolu s-socjeta' attrici kellha l-opportunita' sabiex tassigura aktar mis-soltu illi l-indafa fil-*canteen* tkun ta' livell gholi biex meta jigu l-esperti minnha nominati ma jkollhomx diffikulta biex jirrapportaw dak li rrapportaw. Il-Qorti mhijiex qieghda tghid li s-socjeta' attrici qieghda tonqos fl-obbligi taghha illi tara illi l-*canteen* ikun nadif u tapprezza wkoll id-diffikultajiet illi ghandha meta, kif irrizulta mill-atti, l-istudenti jhallu l-post ferm mahmug bl-igene l-ahhar haga li tigihom f'mohhom u tapprezza l-ugih ta' ras illi ghandha kulljum is-socjeta' attrici biex izzomm il-post nadif taht dawk ic-cirkostanzi. Pero' jibqa' l-fatt illi meta l-istudenti tad-dipartiment tal-Biologija ghamlu r-rapport taghhom, irrizultalhom dak li gie riprodott fl-artikolu ppubblikat mill-konvenut Gatt. Dan ta' l-ahhar ma vvintax l-istorja imma rrapporta fedelment dak li rrizulta u ghamel il-kummenti tieghu. Ladarba dawna huma bbazati fuq fatti vera, huma ncensurabbli u s-socjeta' attrici ma tistax tirreklama ingurja fuqhom.

Il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem f'kaz dwar kitba fuq il-hila professjonali ta' tabib (<u>Verdes Gand u Asse vs Norvegja</u> deciza fis-16 ta' Ottubru 2001) qalet li *"d-dritt tal-liberta' ta' l-espressjoni hu suggett tal- kondizzjoni li l-gurnalista jagixxi in buona fede biex jipprovdi taghrif ezatt u ta' min jorbot fuqu."* F'dan il-kaz il-Qorti jidhrilha illi l-konvenuti pproducew taghrif ezatt u ta' min jorbot fuqu meta huma rriproducew kelma b'kelma r-rapport illi kienet ghamlet Flavia Zammit. Min nahha l-ohra l-editur il-konvenuta Michaela Muscat filwaqt kellha r-responsabbilta' biex tivverifika l-verita' (ara <u>Paolo Bonnici Limited vs Anthony Montanaro</u> 26 ta' Mejju 1992), qdiet din ir-responsabbilta' wara li vverifikat illi l-artikolu fih rapport fidil ta' dak li rrizulta lill-istudenti tal-biologija.

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi l-konvenuti jistghu jeccepixxu illi dak li kitbu kien *"fair comment"* peress li kien bazat fuq fatti veri u kompleti u filwaqt illi s-socjeta' konvenuta tista' taghmel l-ezercizzji taghha u ma taqbilx mal-kummenti li ghamel l-artikolista l-konvenut Gatt kif ukoll mar-rapport ta' l-istudenti tal-biologija, ma tistax ticcensura lill-konvenuti milli jaghmlu l-kummenti illi ghamlu fl-artikolu lamentat mis-socjeta' attrici.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad it-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------